# Il-Vara Titulari ta' San Ġiljan

## *Żewġ Atti Notarili li Permezz Tagħhom sar il-Ftehim fuq l-Istatwa*



***Niki Papagiorcopulo***
B.A. (Hons)(Theol.)(Melit.)

Is-sena 2018 tfakkar il-125 sena anniversarju mill-miġja tal-istatwa titulari ta' San Ġiljan fil-parroċċa tagħna, ġrajja ta' ferħ għall-poplu Ġiljaniż, ġrajja li twaħħdet mal-istorja kemm tal-istess parroċċa u tal-lokalità li ġġib isem l-istess qaddis Ospitalier. Din ix-xbieha devota, ta' dan il-qaddis konfessur, protettur maħtur tal-inħawi ta' Qaliet Ġnien il-Fieres (kif kien magħruf il-lokal qabel ħa ismu) sa mis-Seklu XVI, serqet qalb il-parruċċani u devoti meta twasslet lejn il-knisja parrokkjali tagħna 125 sena ilu, u baqgħet ikona marbuta ma' din il-lokalità, marbuta ma' qalb il-Ġiljaniżi. Xhieda tal-valur sentimentali li din l-opra artistika għadha tgawdi fil-komunità, hija l-ġenerożità li qed juru l-Ġiljaniżi sabiex proprju f'dan l-anniversarju importanti jsir l-ewwel intervent professjonali ta' restawr fuq din l-opra artistika imprezzabbli.



*Il-vara ta' San Ġiljan tul iż-żmien. Tidher hawn fl-aħħar tas-Seklu XIX, friska minn idejn Carlo Darmanin, u bl-ewwel induratura tagħha.*

### Sfond Storiku

Kien fil-lejl tat-13 t'Awwissu 1893 li fih il-vara titulari l-ġdida, opra tal-istatwarju magħruf Carlo Darmanin, twasslet mill-parruċċani Ġiljaniżi '*con animata pompa*' mir-residenti u villeġġanti ta' San Ġiljan fil-knisja parrokkjali, u wara ġiet imbierka mill-Vigarju Ġenerali tal-Arċisqof, Mons. Ġużeppi Mercieca.[1]

L-att imbagħad jgħaddi biex jispeċifika sitt kundizzjonijiet. L-ewwel waħda kienet li fl-eżekuzzjoni tax-xogħol, speċjalment fir-rigward tal-poża, il-proporzjon u l-kuluri, Darmanin kellu joqgħod għad-direzzjoni ta' perit/mgħallem imqabbad mill-kappillan u minn Mattei. L-istess Xerri u Mattei kellhom jaqblu fuq persuna li kellha tieħu ħsieb l-induratura tal-istatwa, li għalhekk ma saritx minn Darmanin stess.

L-istatwa kellha tkun twila sitt piedi u kellha titlesta u tiġi kkonsenjata lill-Kappillan Ġużepp Xerri D.D. sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 1893, flimkien ma' ċertifikat mill-perit imqabbad li x-xogħlijiet kienu saru kif miftiehem. Il-kuntratt sar fir-residenza tas-sajf tas-Sur Mattei: 36, Strada Rjali (Triq il-Kbira), San Ġiljan, quddiem ix-xhieda Agostino Zerafa, kummerċjant minn Birkirkara residenti San Ġiljan, u s-Surġent tal-Pulizija Eżekuttiva Giuseppe Montreal, imwieled iż-Żurrieq u residenti San Ġiljan.


*Il-Kappillan Dun Ġużepp Xerri.*

L-aħbar li l-Knisja ta' San Ġiljan kellu jkollha statwa titulari malajr xterdet, tant li din ġiet irrappurtata f'*La Gazzetta di Malta,* ftit jiem wara li sar il-kuntratt.[13] F'avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Ottubru 1892 jingħad li sar magħruf bi pjaċir kbir li s-Sur Mattei, villeġġjant għal ħafna snin f'San Ġiljan, ħareġ bl-idea sabiħa li jirregala statwa tal-qaddis kbir li ta ismu lill-villaġġ, u li din kellha tinħadem mill-aħwa Darmanin. L-artikolista jkompli jgħid li dan l-att ta' min ifaħħru jixhed ir-rabta li kellu għal ħafna snin Mattei ma' dan ir-raħal u li dawk kollha li jgħixu fil-lokalità ċertament kienu se jkunu grati ħafna lejh.

## L-Istatwa Titlesta

Jidher li l-vara ta' San Ġiljan kienet tlestiet lejn l-aħħar ta' Lulju 1893. Dan għaliex l-istess ġurnal jirrapporta dan il-fatt.[14] Din id-darba nsibu rrappurtat bi prominenza li din saret minn Carlo Darmanin u li kienet iddestinata għall-villaġġ bl-istess isem tal-qaddis. L-artiklu jagħtina dik li hi probabbilment l-ewwel deskrizzjoni tal-vara aċċessibbli għall-pubbliku, li kien għadu ma rax l-istatwa (għaliex din ġiet inawgurata fit-13 t'Awwissu 1893). L-awtur, li jibqa' anonimu, jgħidilna li din l-opra tal-arti kienet mhux biss sabiħa, iżda waħda li tqajjem sens kbir ta' ammirazzjoni fl-ispettatur. Hi kienet tikkonsisti minn figura waħda, flimkien ma' aċċessorju popolari li kien jirraffigura fl-ikonografija tal-qaddis. "Il-poża, il-moviment, il-ġesti; kollox kien f'armonija waħda li jqajjem fl-ispettatur sentiment reliġjuż, ta' devozzjoni. Ċerv, immudellat b'abbiltà kbira, ġie rraffigurat f'saqajn il-qaddis, l-istess ċerv li kien messaġġier ta' aħbar kerha li minnha segwa d-dramm tat-tbatija u


*Carlo Darmanin.*

tas-sagrifiċċju li kienu l-istorja tal-vittma bla ħtija u l-martri tal-karità li kien San Ġiljan. Miblugħ u mwaħħax minn dik il-premonizzjoni fatali, beżgħan, muġugħ, u mħasseb fuq il-penitenza li kellha ssegwi: dan kollu kien espress fil-wiċċ tal-qaddis u fil-ħarsa mitlufa u mimlija dwejjaq tiegħu, hekk kif ħarġet minn taħt idejn Darmanin. Dan kien l-istess raġel, li rebaħ fuq id-dnub b'sagrifiċċju u li permezz tal-karità erojka tiegħu feda l-ħtija tiegħu, biex rebaħ il-qima tal-altari". L-awtur jgħidilna wkoll li din l-opra kienet akkwist kbir mhux biss għall-parroċċa imma wkoll għall-kult Kattoliku ta' Malta, għaliex kienet xempju ta' arti li toffri oġġetti ta' venerazzjoni li jirrappreżentaw mudelli ta' virtù Nisranija.


L-abbozz jew mudell tal-istatwa ta' San Ġiljan imħejji minn Carlo Darmanin, meqjum b'għożża fil-Knisja Parrokkjali l-Antika. Il-buzzett iġib il-firma ta' Darmanin innifsu.

Fl-aħħar tal-kitba tiegħu, l-awtur jifraħ lill-artist Carlo Darmanin, li jqisu bħala mgħallem f'dan it-tip ta' arti reliġjuża, u li, skontu, dejjem kien joħroġ bl-unuri meta wieħed iħallih fil-libertà li jesprimi u jagħti s-sura lill-kunċett li jkun ħaseb fih. Ifaħħar ukoll lis-Sur Mattei, li hawn mhuwiex imsemmi b'ismu, imma sempliċiment jiġi deskritt bħala '*gentiluomo*'. Fl-aħħar u mhux l-anqas jissemma Xerri, l-ewwel kappillan tal-parroċċa l-ġdida, fejn jiġi mfaħħar bħala kappillan li ħadd ma jista' jixxebbah miegħu, u li kien ta sehem sħiħ biex saret din l-istatwa, hekk kif dejjem ħadem biex jagħti lill-parroċċa ġdida, imma fqira, tiegħu dak kollu li kien meħtieġ għaċ-ċelebrazzjoni tal-kult.

## L-Att Notarili tat-13 t'Awwissu 1893

Kif għedna aktar 'il fuq, nafu minn rapport fil-Gazzetta *L'Ordine* tal-14 t'Awwissu 1893, li l-vara twasslet proċessjonalment lejn il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan b'pompa u festa kbira mill-Ġiljaniżi u villeġġjanti ta' San Ġiljan tard billejl tat-13 t'Awwissu 1893 u ġiet imbierka mill-Vigarju Ġenerali. F'dan l-artiklu l-awtur isemmi li Darmanin kien l-ewwel fil-pajjiż li esperimenta bix-xogħol tal-kartapesta u żejjen il-knejjes tad-djoċesi bix-xogħlijiet tiegħu. L-editur isemmi wkoll il-benefattur u jikkummenta li f'din l-opra Darmanin ta prova oħra tal-abbiltà kbira tiegħu. L-artiklu jsemmi wkoll ix-xogħol kbir li kien qed isir fil-knisja taħt id-direzzjoni tad-Djaknu Ġiljan Zammit. Il-ġurnal jikkummenta li ftit ftit kienet qed tiġi armata b'dak kollu neċessarju l-knisja parrokkjali ġdida ta' San Ġiljan taħt it-tmexxija u ż-żelu tal-'inkomparabbli kappillan ir-Reverendu Dottor Dun Ġużepp Xerri, saċerdot mudell u kurat li kif mistħoqq igawdi mis-simpatija u r-rispett tal-parruċċani tiegħu u ta' kull min għandu l-pjaċir li javviċinah'.[15]

Li ma konniex nafu s'issa huwa li dakinhar stess filgħodu sar att notarili ieħor, din id-darba fir-residenza tal-Kappillan Xerri stess, numru wieħed, Triq Lapsi, San Ġiljan. Din id-dikjarazzjoni hija mniżżla fl-atti tal-istess Nutar Michele Luigi Casolani.[16] Quddiem



170.

Il dì Tredici Agosto
Mille ottocento novantatre

Innanzi a me Notaro presente gl'infrascritti testimoni legalmente idonei, e non congiunti od affini dei comparenti nei gradi dalla legge contemplati, come essi asseriscono, si sono di persona costituiti da una parte Il Molto Reverendo Sacerdote Dottor Don Giuseppe Xerri fu signor Costantino nato in Birchircara e residente in San Giuliano ed il gentiluomo benestante Salvatore Mattei fu gentiluomo Carlo nato e residente in Valletta – e dall'altra il Maestro Scultore signor Carlo Darmanin fu Giuseppe nato nella Senglea residente al Hamrun Via San Giuseppe tutti tre da me Notaro conosciuti

...

in Malta nella casa di abitazione del suddetto Parroco Xerri posta in San Giuliano Strada Lapsi Numero uno in presenza del Benestante Signor Emmanuele Mirabelli fu Felice nato in Valletta e del Tappezziere Agostino Zerafa fu Giuseppe nato in Birchircara residenti entrambi in San Giuliano testimonj i quali coi comparenti con me Notaro si sono firmati.

Giuseppe Xerri Parroco
Salvatore Mattei
Carlo Darmanin
Emmanuele Mirabelli
Agostino Zerafa
Michele Luigi Casolani
Notaro pubblico Maltese

*Siltiet mill-att notarili tat-13 t'Awwissu 1893, li permezz tiegħu ġie kkonfermat li l-istatwa kienet ġiet ikkonsenjata lill-Parroċċa ta' San Ġiljan u kienet għas-sodisfazzjon tal-partijiet kollha konċernati. L-att jikkonferma wkoll li l-ispejjeż kollha kienu tħallsu.*

in-nutar reġgħu dehru personalment fuq naħa waħda Xerri u l-benestant Salvatore Mattei, iben il-mejjet ġentlom Carlo, imwieled u residenti l-Belt Valletta, u n-naħa l-oħra l-iskultur Carlo Darmanin. Permezz ta' dan l-att Dun Ġużepp Xerri D.D., fil-kwalità tiegħu ta' parroku tal-Knisja ta' San Ġiljan, u kif awtorizzat mill-Ordinarju tad-Djoċesi, filwaqt li jirreferi għall-att notarili reġistrat fl-atti tal-istess Nutar Michele Luigi Casolani nhar id-19 ta' Ottubru 1892, rigward statwa li kellha tirrappreżenta l-qaddis titulari tal-knisja msemmija, iddikjara li kien rċieva l-istatwa mingħand l-artist Carlo Darmanin.

Dun Ġużepp u Salvatore Mattei ddikjaraw ukoll li l-prodott finali kien għas-sodisfazzjon sħiħ tagħhom, u li Darmanin kien issodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati fil-kuntratt tad-19 ta' Ottubru 1892. Darmanin, min-naħa tiegħu ddikjara li kien irċieva s-somma ta' 26 lira Sterlina f'pagament għall-ispejjeż kollha u għax-xogħol li kien twettaq fuq l-istatwa ta' San Ġiljan. Huwa rċieva s-somma ta' tnax-il lira Sterlina nhar it-13 ta' Lulju tas-sena 1893, hekk kif kien jirriżulta minn irċevuta li kienet qed tiġi annessa ma' dan l-att notarili 'sempliċiment għall-konservazzjoni'. Il-kumplament tal-flus, erbatax-il lira Sterlina, tħallsu personalment minn Mattei lil Darmanin waqt li kien qed isir dan il-kuntratt, b'Darmanin (flimkien mal-partijiet) jiddikjara li rċieva s-somma totali u finali.

Fl-aħħar ta' dan l-att notarili nsibu mniżżel li ġaladarba li l-istatwa kienet ġiet ikkonsenjata lill-Kappillan, kien qed jiġi ddikjarat u stabbilit li l-istatwa kellha titqies bħal propjetà assoluta tal-Knisja ta' San Ġiljan.

Dan l-att huwa ffirmat mill-istess persuni li ffirmaw l-att oriġinali tad-19 ta' Ottubru 1892, jiġifieri: il-Kappillan Dun Ġużepp Xerri, il-benestant Salvatore Mattei, l-artist Carlo Darmanin, u x-xhud Agostino Zerafa. Hemm biss differenza f'wieħed mix-xhieda. Filwaqt li x-xhieda tal-att notarili tad-19 ta' Ottubru 1892 kienu Agostino Zerafa u Giuseppe Montreal, ix-xhieda tal-att notarili tat-13 t'Awwissu 1893 kienu l-istess Agostino Zerafa, kif ukoll il-benestant Emmanuele Mirabelli, iben Felice, mill-Belt Valletta.

**Irċevuta ta' Hlas**

Fuq wara tal-istess att tat-13 ta' Awwissu 1896, fl-atti tan-nutar pubbliku Michele Luigi Casolani, tinsab ikkonservata l-irċevuta ddatata 13 ta' Lulju 1893 (xahar qabel l-att notarili u l-inawgurazzjoni tal-vara), li taqra: '*Dichiaro d'aver ricevuto dal Signor Salvatore Mattei; lire Sterline dodici acconto di lire ventisei prezzo convenuto per la statua di plastica rappresentante S. Giuliano in fede £12*' u li hija ffirmata mill-istess Darmanin, kif ukoll mill-firmatarji kollha tal-att notarili tat-13 ta' Awwissu 1893 (inkluż għal darb'oħra Darmanin innfsu).



*Irċevuta tal-ħlas ta' tnax-il lira Sterlina ddatata 13 ta' Lulju 1893, u ffirmata minn Carlo Darmanin.*

F'dan l-att notarili ma jissemmewx il-perit jew mgħallem, kif ukoll l-induratur inkarigat, li t-tnejn jissemmew fl-ewwel att. Il-bżonn li jitqabbad perit jew mgħallem biex jidderiġi lil artist ta' fama u popolarità bħalma kien Darmanin fir-rigward tal-poża, proporzjon u l-kuluri, tidher diġà bħala xi ħaġa żejda u ta' barra minn hawn. Jista' jkun għalhekk li meta raw il-ħila ta' Darmanin fl-azzjoni, kemm il-Kappillan Xerri u l-benefattur Mattei ma ħassewx il-bżonn li jinsistu u li jitolbu ċertifikat mill-istess perit/mgħallem meta l-vara tlestiet, hekk kif kien jitlob l-ewwel ftehim. Fil-fatt dan iċ-ċertifikat ma jissemma mkien fit-tieni att u huma Xerri u Mattei infushom li jiddikjaraw '*che la statua é di loro **piena** sodisfazione*'. Madankollu, il-fatt li huma jiddikjaraw ukoll li Darmanin issodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt oriġinali jista' jagħtina x'nifhmu wkoll il-kuntrarju: li l-perit jew mgħallem sempliċiment ma jiġix indikat b'ismu fit-tieni kuntratt, hekk kif dan ma ġiex indikat fl-ewwel kuntratt. Hija tassew ħasra li jekk dan hu l-każ ma nsirux nafu min kien dan il-perit/mgħallem. Wieħed jissaponi li kien artist ta' fama daqs, jekk mhux aktar mill-istess Darmanin. L-istess nistgħu ngħidu għall-induratur, li x-xogħol tiegħu ma damx jitgawda għax kif ser naraw il-vara reġgħet ġiet indurata mill-ġdid fil-bidu tas-Seklu XX. L-istess nistgħu ngħidu għall-pedestall oriġinali.

B'xorti kbira, iżda, il-pedestall oriġinali tal-vara jinsab ikkonservat flimkien mal-istess bradella oriġinali fin-niċċa l-antika tal-istatwa fil-Knisja Parrokkjali l-Antika. Fuq wara tal-pedestall insibu l-arma tal-familja Mattei, tifkira dejjiema tal-benestant Salvatore Mattei, li tana din l-opra mill-isbaħ tant marbuta ma' qalbna. Fuq l-iskultura li tiddekora dan il-pedestall sempliċi, imma sabiħ, insibu mpittra simboli marbuta ma' dan il-qaddis Ospitalier: id-dgħajsa fuq quddiem: iċ-ċerv u l-isptar maż-żewġ naħat.

Din in-niċċa li semmejna mhijiex dik oriġinali. It-tifħir li rajna mill-parruċani u kummentaturi taż-żmien lejn il-Kappillan Xerri u d-Djaknu Ġiljan Zammit ma kienx wieħed fieragħ. Dawn kienu żewġ individwi li jekk jidħlu għal biċċa xogħol jidħlu għaliha bis-serjetà. Għalhekk la saret il-vara kellha ssir ukoll niċċa għaliha fil-knisja. Fit-22 ta' Marzu 1897, insibu li l-Prokura tal-Lampier ħallset lis-Sur G. Galea s-somma ta' lira sterlina u erba' xelini għall-ħġieġ tal-bieba tan-niċċa ta' San Ġiljan, filwaqt li fl-1 ta' April tal-istess sena tħallset is-somma ta' tliet liri u ħames xelini lill-mastrudaxxa G. Bonello għax-xogħol ta' injam tan-niċċa u xogħlijiet oħra.[17] Din in-niċċa skulturata fil-ġebel ġiet sostitwita b'oħra meta inbidel il-pedestall tal-vara fil-bidu tas-Seklu XX, hekk kif ser naraw aktar 'l isfel. Illum tilqa' fiha l-istatwa tal-Pietà, jiġifieri ta' Sidtna Marija Addolorata u ġiet irrestawrata riċentement minn Chris Micallef.

**Interventi fuq l-istatwa ta' San Ġiljan tul iż-Żmien**

Matul is-snin saru diversi interventi fuq l-istatwa ta' San Ġiljan. Hija sfortuna li l-maġġoranza tagħhom ma ġewx iddokumentati u għaldaqstant ikollna noqogħdu fuq it-tradizzjoni mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra bil-fomm u fuq xhieda fotografika għat-tibdil li sar fid-dekorazzjoni tagħha (tibdil strutturali qatt ma sar).

L-ikbar intervent li jidher li sar fuq il-vara matul iż-żmien kien id-dekorazzjoni tagħha b'induratura ġdida, li skont l-istess tradizzjoni saret minn Francesco Coleiro (16 ta' Diċembru 1862 – 21 ta' April 1940). Sa minn ċkunitu Coleiro wera ruħu mogħti għall-arti u d-disinn, kif ukoll l-induratura, li trawwem fihom taħt Mastru Paolo Paris. Huwa kien jattendi korsijiet ta' filgħaxija fil-Belt Valletta bejn l-1870 u l-1886 fejn kompla jitħarreġ fuq id-disinn. Meta kiber kien siefer l-Alġerija. Lura f'Malta, fetaħ stabbiliment tal-induratura u l-fotografija f'pajjiżu ż-Żurrieq, sakemm fl-1893 fetaħ stabbiliment ieħor fil-Belt Valletta bl-inkoraġġiment ta' bosta ħbieb u personalitajiet distinti. Xi snin wara, huwa mar f'numru 45, Triq San Kristofru, fil-Belt Valletta stess. Huwa kien membru tas-Soċjetà Maltija tal-Arti, Manifattura u Kummerċ. L-ewwel xogħol li għamel fuq skala kbira kienet fuq il-vara ta' San Pawl għall-Parroċċa ta' Ħal Safi. L-opri li ħarġu minn taħt idejh ma tgħoddhomx faċilment.[18] Fost l-aqwa xogħlijiet insemmu li huwa rebaħ



ċertifikat ta' mertu mis-*Società Maltese d'Arte, Manifatture e Commercio* għall-induratura mill-isbaħ li kien għamel fuq il-vara titulari ta' Santa Katarina taż-Żurrieq fl-1915.[19]

F'dan l-intervent il-vara tilfet il-kuluri oriġinali mogħtija minn Darmanin u ġiet mogħtija d-dehra li nafu llum. Għaldaqstant, il-kurazza nbidlet minn sfond kannella għal wieħed kaħlani u d-dublett minn abjad għal lewn ħamrani fir-roża. Meta nġiebet mill-induratura, jidher li l-vara ġiet esibita fil-Kulleġġ ta' Sant'Injazju fil-Balluta minn fejn ġiet akkumpanjata sal-knisja parrokkjali mill-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara.[20]



*Il-pedestall il-ġdid tal-vara li jingħad li ġie inawgurat fl-1927. Qed isir studju minn Dr Mark Sagona fuq dan il-pedestall, liema studju ser jiġi ppubblikat aktar 'il quddiem.*

Fil-bidu tas-Seklu XX, inbidel il-pedestall tal-istatwa titulari. L-oriġinali jinsab ikkonservat fin-niċċa l-antika tal-vara fil-Knisja Parrokkjali l-Antika. Hija sfortuna li s'issa ma ltqajna mal-ebda dokument li jgħarrafna min ikkummissjona, u aktar importanti, min ħadem dan il-pedestall mill-isbaħ. Spiru Tanti, f'intervista li ta lil Andrew Borg fl-1990, jistqarr li dan sar minn somma flus li nġabret mill-poplu Ġiljaniż bi skop li tiġi mistiedna l-Banda King's Own tal-Belt Valletta għall-festa titulari. Meta l-kappillan ma approvax l-istedina, minħabba li beża' mill-pika li kien hemm bejn din il-banda u l-banda tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali La Valette, li wkoll kienet tiġi mistiedna għall-festa, il-flus li nġabru flok tqassmu lura, intużaw sabiex ġie kkummissjonat dan il-pedestall. Skont Tanti, il-pedestall dam xi snin 'maqful għand waħda Zolli li kienet toqgħod Triq Lapsi'.[21] Fl-1927, Dun Pawl Galea flimkien ma' xi parruċċani bdew jaħdmu sabiex il-pedestall jintrama taħt l-istatwa. Imma ltaqgħu ma' problema oħra. Il-vara bil-pedestall il-ġdid la kienet tgħaddi mill-bieb prinċipali tal-knisja u lanqas toqgħod fin-niċċa. Għalhekk sar mudell tal-vara u tal-pedestall u dan ingħata lill-Markiż Scicluna bħala rigal flimkien ma' talba għall-għajnuna biex jitwessa' l-bieb u titkabbar in-niċċa. Skont Tanti għall-festa tal-1927, l-ewwel sena li ħarġet iddoqq il-Banda San Ġiljan, il-vara ħarġet bil-pedestall il-ġdid.

Fis-snin sebgħin tas-seklu XX jidher li sar intervent ieħor ta' restawr fuq l-istatwa iżda għal darb'oħra dokumentazzjoni fuq dan l-intervent m'għandniex. L-aħħar intervent fuq il-vara titulari sar fl-okkażjoni tal-ewwel ċentinarju tagħha fl-1991 mis-Sur Frans Xuereb. Fuq dan l-intervent hemm dokumentazzjoni dettaljata.[22]

Fl-aħħar tas-sena li għaddiet, wara li saru l-istudji neċessarji u r-rikorsi meħtieġa mal-awtoritajiet ekkleżjastiċi, il-parroċċa afdat lill-kumpanija *Atelier del Restauro* mmexxija minn Valentina Lupo B.Cons. (Hons.) u d-Dott.ssa Maria Grazia Zenzani sabiex

tagħmel intervent professjonali ta' restawr u konservazzjoni fuq l-istatwa titulari. Dan l-intervent (li dettalji tiegħu qed jidhru f'paġni 72-85 ta' din il-pubblikazzjoni) ser jitlesta fil-ħin għall-125 anniversarju mill-wasla tal-vara titulari – proprju fit-13 t'Awwissu 2018, meta mistennija tiġi inawgurata.

**Opri tal-Arti oħra minn idejn Karlu Darmanin għall-Parroċċa ta' San Ġiljan**

Ir-reġistru ta' kontijiet tal-Prokura tal-Lampier jagħtina xhieda ta' relazzjoni li kienet stabbiliet ruħha bejn il-Ġiljaniżi u Carlo Darmanin, li tahom l-aktar opra artistika għal qalbhom: l-istatwa titulari. Darmanin baqa' jaħdem għall-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan.

Jidher li dan l-istatwarju famuż fit-teknika tal-kartapesta, kien jiġi jżur il-knisja meta kien qed jaħdem xi opra tal-arti għaliha. Għal dan l-għan il-Prokura tal-Lampier kienet tħallaslu trasport permezz ta' karrozzin.[23] Fi Frar tal-1896 jidher li Darmanin żar il-knisja, filwaqt li min kien qed jikteb l-annotamenti f'dan il-ktejjeb ta' kontijiet (probabbilment kien Dun Ġiljan Zammit li kien il-Prokuratur tal-Knisja) uża l-istess servizz ta' trasport biex iżur lil Darmanin xahar wara. F'dan iż-żmien Darmanin kien qed jagħmel xi xogħol ta' żebgħa fuq kurċifiss li għalih tħallas is-somma ta' erba' xelini fit-8 t'April.[24]

F'Awwissu tal-istess sena, Darmanin lesta għall-knisja, l-istatwa devota tal-Madonna ta' Lourdes, donazzjoni tal-Kavallier Ferdinando Mattei. Dan insibuh irrappurtat fil-gazzetta *L'Ordine* tal-25 t'Awwissu 1896,[25] fejn xhud anonimu li ffirma '*Veritas*' faħħar lill-benefattur li fuq l-eżempju ta' missieru Salvatore, ried li jżejjen il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan b'opra sabiħa bħalma kienet din l-istatwa, li kellha tibqa' tifkira dejjiema tal-ġenerożità u l-imħabba tiegħu lejn il-parroċċa l-ġdida. L-artiklu jagħti tifħir mistħoqq lill-mara devota li riedet iżżejjen l-istess statwa b'ġiżirana tad-deheb, kif ukoll lill-Kappillan Xerri, li bl-eżempju tiegħu kien iħeġġeġ lil oħrajn biex ikunu benefatturi tal-knisja tiegħu.



*L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, xogħol ta' Carlo Darmanin (1896). Irregalata lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan mill-Kav. Ferdinando Mattei, iben Salvatore.*

Fir-rendikont tal-festa tal-1896, li wieħed isib fl-istess reġistru tal-Prokura tal-Lampier, insibu annotament ta' ħlas ta' ħames liri lil '*L.Rocco per pedestallo di un angelo*'.[26] Dan jagħtina x'nifhmu li kienu qed isiru xi statwi biex iżejnu l-wesgħat ta' barra l-knisja. Konferma ta' dan insibuha f'annotamenti ta' ħlasijiet li saru fil-15 t'Awwissu tas-sena ta' wara fejn insibu ħlas ta' tmien liri '*al Sig. C. Darmanin per una statua rappresentante un angelo*'. Din hija konferma

li l-par anġli li kienu jżejnu z-zuntier tal-knisja fl-imgħoddi u li għadhom sal-lum jagħmlu parti mill-patrimonju tal-Knisja ta' Lapsi (dawn illum iżejnu l-gallerija tal-orgni) huma fil-fatt xogħol Karlu Darmanin, u li wieħed sar fl-istess sena tal-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes (u tlesta magħha f'Awwissu) u l-ieħor sar fis-sena 1897. Konferma ta' dan huwa l-fatt li Lorenzo Rocco reġa' tħallas l-istess somma ta' ħames liri għall-pedestall, filwaqt li ċertu G.C. Busuttil tħallas għad-drapp ta' bandiera għall-anġlu (li hija xhieda oħra li dawn huma l-istess anġli li kienu jżejnu z-zuntier tal-knisja). Fis-27 t'Awwissu 1897 tħallsu l-ispejjeż għat-trasport tal-istatwa li ammontaw għal żewġ xelini u disa' soldi. Saret ukoll investa tad-drapp biex biha jitgħatta l-anġlu.[27]

Opra oħra li jingħad li hija xogħol ta' Karlu Darmanin hija l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju. Għalkemm stilistikament, għandha xebh kbir ma' statwi oħra tal-Madonna taħt l-istess titlu, kif ukoll taħt titli oħra, magħmula mill-istess artist, l-unika sors li kellna li jikkonfermalna li din kienet xogħol il-Karlozzu kien ittra ffirmata 'Patriott' fil-gazzetta *Malta Tagħna*[28] fejn jissemmew għaxar statwi tal-Madonna tar-Rużarju li nħadmu minn Darmanin: fil-Mellieħa, Ħal Qormi, il-Qrendi, iż-Żurrieq, Ħal Kirkop, *San Ġiljan*, Tas-Sliema, il-Ħamrun, in-Naxxar, Ħad-Dingli u oħra li nħadmet għal Lixandra bi grupp ta' erba' figuri. Madankollu, minn sorsi ġodda li sibt waqt studju li qed nagħmel fuq l-istess vara,[29] issa għandna ħafna aktar dettalji fuq imnejn ġiet din l-istatwa, ewlieni fosthom li din ġiet irregalata lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan fl-1899. Jidher li oriġinarjament l-istatwa kienet se titħallas mill-istess Ferdinando Mattei, iżda dan biddel il-ħsieb u ddeċieda li jagħmel opra oħra fil-knisja meta sar jaf li kien hemm devot ieħor li xtaq li jidħol hu għall-ispiża ta' din l-istatwa.[30]



*L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju meqjuma fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġiljan.*

Opri oħra li skont it-tradizzjoni bil-fomm huma xogħol Darmanin huma l-istatwa ta' Marija Addolorata (illum tinsab fil-Knisja Parrokkjali ġdida – u hawn min isostni li din hija ta' aljiev ta' Darmanin – Karmenu Mallia) u par anġli kbar li jintramaw fil-knisja fl-okkażjoni tal-festa ta' *Corpus Domini*. Dawn tal-aħħar ġew irrestawrati minn Chris Micallef fis-snin 90, filwaqt li sar intervent fuq l-istatwa tad-Duluri fis-snin li għaddew – intervent li fl-opinjoni umli tiegħi kien wieħed xejn feliċi. Fuq dawn l-istatwi, s'issa ma ltqajt mal-ebda dokumentazzjoni jew prova bil-miktub li huma xogħol ta' Darmanin.



***Statwi ta' anġli li Karlu Darmanin ħadem għall-parroċċa. Tnejn kienu jintramaw fuq iz-zuntier għall-festa u saru fl-1896 u l-1897 (illum jinsabu fil-gallerija tal-orgni), filwaqt li tnejn oħra saru biex jintramaw fil-knisja. Illum jintramaw fil-festi tal-Milied u xi drabi fl-artal tar-repożizzjoni.***

Intemm dan l-artiklu b'nota interessanti fir-reġistru tal-prokura msemmija, li tgħidilna li Karlu Darmanin kien attenda għall-festa ta' San Ġiljan fl-1902. Mar-rendikont tal-festa ta' din is-sena hemm imniżżel li l-prokura ħallset t-trasport bil-karrozzin lill-istess artist li sewa żewġ xelini u sitt soldi.[31] Dan jurina l-istima li kellhom il-Kappillan Ġiljan Zammit u l-poplu Ġiljaniż lejn l-istess artist.

**Referenzi:**


1 *L'Ordine,* 14.VIII.1893.
2 A(rcbishop's) A(rchives) F(loriana), Cancelleria AV 42 (1.ix.1891), 15-18.
3 AAF VP (Gargallo, 1601) (II) (4.IX.1601).
4 NIKI PAPAGIORCOPULO, *Il-Kwadru Titulari ta' San Ġiljan,* f'*Lapsi* (Awwissu 2016), 121-132.
5 WINSTON L. ZAMMIT, *Dun Ġużepp Xerri DD (1823-1897). L-Ewwel Kappillan ta' San Ġiljan,* Malta 1997.
6 WINSTON L. ZAMMIT, *Il-Kappillan Dun Ġiljan Zammit D.D. (1870-1909). Mitt Sena Minn Mewtu,* f'*Lapsi* (Awwissu 2009), 13-18.
7 A(rkivju) S(an) Ġ(iljan), *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano,* 1-31.
8 MARIO BUHAGIAR, *Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u Ta' Lapsi,* f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991,* Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 195-6, 200.
9 *L'Ordine,* 25.XIII.1896.
10 Plakka mwaħħla fuq wara tal-istess ġilandra taqra: '*HAEC AEDICVULA COEPTA ET PERFECTA EST AERE COLLATICIO IOSEPHO XERRIO CVRIONE IOSEPHO MANICOLO AVCTORIBUS 1893' (Din l-opra kienet mibdija, kompluta u mħallsa mill-ġbir tas-Saċerdot Ġużeppi Xerri u nħadmet minn Ġużeppi Manicolo fl-1893).*
11 ALEXANDER BONNICI, *Il-Viċi Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942,* f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991,* Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 149-181.
12 N(otarial) A(rchives) V(alletta), Not. Michele Luigi Casolani Ms697/17 No. 36 (19.x.1892) 444-448.
13 *La Gazzetta di Malta,* 22.X.1892.
14 Ibid, 27.VII.1893.
15 *L'Ordine,* 14.VIII.1893.
16 NAV, Not. Michele Luigi Casolani Ms697/19 No. 14 (13.viii.1893) 170-175.
17 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano,* 1-31.
18 FRANCIS XUEREB, *100 Sena..... mill-Induratura tal-Istatwa Titulari (1915-2015),* f'*Santa Katerina Verġni u Martri Festa Titulari 2015* (Awwissu 2015), 43-49.
19 JONATHAN FARRUGIA, *Arti u Devozzjoni. Mhux biss sabiħa imma tkellmek,* f'*Il-Karmelu* (Lulju-Settembru 2017) 82/3, 11.
20 ANDREW BORG, *Spiru Tanti Jirrakkonta. Siltiet minn Intervista 01.05.1990,* f'*San Ġiljan* (Awwissu 1990), 19-21.
21 Ibid.
22 ANDREW BORG – JULIAN SCICLUNA, *Il-Vara ta' San Ġiljan Restawrata f'Għeluq il-Mitt Sena Tagħha,* f'*San Ġiljan* (Awwissu 1993), 8-19.
23 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano,* 2.
24 Ibid.
25 *L'Ordine,* 25.VIII.1896.
26 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano,* 6.
27 Ibid, 10.
28 *Malta Tagħna,* 19.X.1907.
29 Jekk Alla jrid dan l-istudju ser jiġi ppubblikat fil-pubblikazzjoni *Lapsi* tal-2019.
30 *La Gazzetta di Malta,* 28.XI.1898.
31 ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano,* 27.